MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 416/2010

**A B**
**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni extra maritali ma l-intimat C D u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri E D kif indikat fic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi ir-relazzjoni bejn l-esponenti u l-intimat thassret irrevokabilment xhur wara it-twelid tal-minuri E;

Illi wara li thassret ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, l-attrici irritornat Malta u l-konvenut C D baqa' l-Kanada u minn dak inhar lil hawn qatt ma rega' ikkuntattja lill-esponenti u lanqas lil minuri;

Illi il-minuri E tghix ma' l-esponenti;

Illi ghal dan iz-zmien kollu l-esponenti rabbiet wahedha lil minuri E, b'ghajnuna finanzjarja ferm limitata tal-konvenut;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

1. tafda il-kura u il-kustodja tal-minuri E D esklussivament f'idejn l-esponenti A B;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari ghal minuri E D liema ammont ghandu jigi rivedut kull sena skond l-gholi tal-hajja;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu hatret lil Dr Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Louisa Tufigno sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D fl-atti ta' din il-kawza;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-attrici u qalet illi kienet iltaqght ma C D meta kienet marret tghix il-Canada u sena wara li iltaqghet mieghu indunat li kienet harget tqila. Hija kienet inkwetata ghaliex kienet taf illi C ma kienx bniedem responsabbli u b'hekk ma kienx ser ikun missier tajjeb. Hija xedhet illi C kien jixrob hafna u dejjem kien jispicca minghajr flus ghaliex kien jonfoq kollox fuq il-birra. Kien ippejjep ukoll is-sigaretti u il-haxixa, u dan baqa jaghmlu anke wara li twieldet binthom E. Tant hu hekk illi xahar wara li twieldet E, C gie arrestat mill-pulizija minhabba li kienu indunaw li kien pejjep il-haxixa. C kien spiss jitkecca mix-xoghol, peress li ma kienx imur ix-xoghol biex imur jixrob u hafna drabi kien ikollha tistaqsi lil ommu ghall-flus biex tixtri il-halib u l-hrieqi ghat-tarbija. L-attrici kompliet tixhed illi l-genituri ta' C xtrawlu vettura li kienet tiswa 10,000 Euro dollar u hu suppost kellu ihallashom lura, izda qatt ma ghamel hekk u qalet illi kien jaghtiha bhala manteniment l-ammont ta' mija tlieta u hamsin dollaru fix-xahar u dan ghamlu biss ghal tlieta jew erbgha xhur u dan matul il-perjodu ta' erbgha snin illi E ghamlet tghix il-Canada.

Illi l-attrici kompliet tixhed illi C ma kellux relazzjoni ma bintu, kien jibghatha tibki fil-kamra taghha u dana talli kienet taghmel daqsxejn storbju meta tilghab. Huma qatt ma kienu johorgu bhala familja u kien jippreferixxi joqghod id-dar ma siehbu jixrob il-birra. C, minflok ihallas il-kera u il-kontijiet, kien ihallas tard biex ikollu il-flus ghall-birra u meta hi u it-tifla kienu iqumu filghodu kienu isibu lill-habib tieghu rieqed fuq is-sufan ghaliex, bhal C, kien ikun stordut bil-haxixa u xorb. L-attrici xehdet illi kienet tiftakar illi C kien jisraq flus, ikel u birra mid-dar tal-genituri tieghu u kien jisraq ukoll mic-children's allowance ta' bintu stess sabiex ikollu biex ihallas ghad-drogi u ghall-birra. Kienet il-habiba illi kellha il-Canada li kienet tixtrilha il-hwejjeg ghat-tifla u kienet anke tixtrilha il-gugarelli u affarijiet ta' l-

ikel. Il-hbieb taghha kienu ukoll jaghtuha hwejjeg u zraben u gugarelli illi uliedhom ma kienx ikollhom aktar bzonnhom. Kienet tispicca toqghod id-dar u ma tohrogx mal-hbieb taghha li ukoll kellhom it-tfal u dan peress li ma kienx ikollha flus.

Illi xehdet ukoll F B, oht l-attrici, u qalet illi meta kellha sentejn, il-familja taghha telqu il-Canada u wara tnax (12) il-sena irritornaw Malta, izda l-attrici dejjem kienet tixtieq terga tmur lejn il-Canada. Fil-fatt telqet minn Malta lejn il-Canada fl-1998 u wara xi seba’ (7) snin kienet iltaqghet ma C D. F B kompliet tixhed illi ohtha kienet iccemplilha u izzomm in kuntatt maghha u kienet qaltilha li kienet harget tqila u illi C D kien bniedem irresponsabbli, mohhu biss biex ippejjep il-haxixa u jixrob u kien ihalliha dejjem minghajr flus u li kienet tkun il-habiba taghha li kienet tghinha biex tixtri l-ikel sabiex titma lil bintha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici esebiet diversi ittri mibghuta lil C mill-employer tieghu il-Canada, fejn diversi drabi C inghata warnings talli ma kienx qieghed jaghmel xogholu sew, jew inkella talli ma kienx imur ix-xoghol fuq bazi regolari, jghidilhom illi per ezempju bintu tkun l-isptar u ma tkunx il-verita.

Ikkunsidrat :

Illi l-kuraturi deputati irrispondew illi huma mhumiex edotti mill-fatti u baqghu qatt ma ressqu provi f’din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi effettivament l-attrici irnexxielha tipprova illi C D huwa missier irresponsabbli, ma kienx imantni lil bintu u lanqas ma kien jibza ghall-impjieg tieghu meta bintu u ommha kienu jghixu mieghu il-Canada, u kif xehdet l-attrici u ma giet bl-ebda mod kontradetta, minn mindu telqet u giet Malta, C ma ghamel l-ebda sforz sabiex jikkuntattja lill-bintu, u lanqas b’xi mod ipprova jara lil bintu.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talbiet attrici, qeghda tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri E D esklussivament f’idejn l-attrici A B, u qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentari ghall-minuri E D fl-ammont ta’ mitejn ewro (€200) fix-xahar; liema ammont ghandu jigi rivedut kull sena skond l-gholi tal-hajja. Il-Qorti fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------